**Battibekki**

Int tgħid ħaġa u jien ngħid tnejn
Forsi niftehmu,
'Mma kollox għalxejn.

Int rasek iebsa taż-żonqor
Tgħid biss li trid int,
Mhux li iċċekkint.

Imma tħossok wisq ċerta
Tgħid li jiftillek,
Biex forsi jsirlek?

Imma wara xi ġlieda
Kulħadd jerġa' kwiet,
U sliem tas-smewwiet.

Bniedem jirrejalizza
Li waqa' f'żufjett,
Iblaħ mill-kbar nett.

Imbagħad ħafna 'aħfirli'
Biki u reċtar,
Biċċa remettar.

Ejja nkomplu ftit nimxu
Inpaqpqu spiss spiss,
Bnedmin kif imiss.

Għal xulxin niftħu qalbna
Inħobbu lil xulxin,
Ħa nkunu ħenjin.

Ħallina minn dat-tilwim
'L ħafna tikketti
U battibekki.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.